32000S2730

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI Nru 2730/2000/KEFA
tal-14 ta' Diċembru 2000
li timponi dazju definittiv kontra prezzijiet bl-irħis fuq importazzjonijiet ta' kokk tal-faħam fi bċejjeċ ta' dijametru ta' aktar minn 80 mm li joriġini mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-ġbir definittiv tad-dazju provviżorju impost

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar il-Faħam u l-Azzar,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2277/96/KEFA tat-28 ta' Novembru 1996 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet mormija minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Komunità Ewropea dwar il-Faħam u l-Azzar [1], kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 1000/1999/KEFA [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha,

Billi:

A. **PROĊEDURA**

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 1238/2000/KEFA [3] ("id-Deċiżjoni provviżorja"), il-Kummissjoni imponiet dazju provviżorju kontra prezzijiet bl-irħis fuq importazzjonijiet ta' kokk ta' faħam fi bċejjeċ f'dijametru ta' aktar minn 80 mm li jaqa' fil-kodiċi NM ex 2704 00 19 u li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċ ina ("il-PRC").

B. **PROĊEDURA SUSSEGWENTI**

(2) Sussegwentement għall-isvelar tal-fatti essenzali u l-konsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom kienu mposti miżuri provviżorji, diversi partijiet interessati għamlu sottomissjonijiet bil-miktub biex jagħmlu magħrufa l-idejat tagħhom dwar is-sejba provviżorja. Skond l-Artikolu 6(5) tad-Deċiżjoni Nru 2277/96/KEFA ("id-Deċiżjoni bażika"), il-partijiet li talbu dan ingħataw l-opportunità li jinstemgħu.

(3) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha meqjusa li hija meħtieġa għas-sejbiet definittivi. Il-partijiet kollha nteressati li kkooperaw fl-investigazzjoni kienu nfurmati bil-fatti essenzali u l-konsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li tiġi rakkomandata l-imposizzjoni ta' dazju definittiv kontra prezzijiet irħas u l-ġbir definittiv tal-ammonti miġbura permezz tad-dazju provviżorju. Huma ngħataw wkoll perjodu li fih għandhom jagħmlu rappreżentazzjonijiet sussegwenti għall-isvelar.

(4) Il-kummenti bil-fomm u bil-kitba mibgħuta mill-partijiet interessati kienu kunsidrati, u fejn meqjus xieraq, is-sejbiet provviżorji ġew hekk modifikati.

(5) Wara li ġew riveduti s-sejbiet provviżorji fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura minn mindu kienet adottata d-Deċiżjoni provviżorja, ġie konkluż li s-sejbiet prinċipali kif stipulati f'dik id-Deċiżjoni għandhom jiġu konfermati, sal-limitu li ma humiex emendati bil-konsiderazzjonijiet imniżżla fid-Deċiżjoni presenti.

C. **PRODOTT KONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

1. **Prodott konċernat**

(6) Il-prodott konċernat kien definit fid-Deċiżjoni provviżorja bħala kokk ta' faħam fi bċejjeċ b'dijametru ta' aktar minn 80 mm li jaqgħu fil-kodiċi NM ex 2704 00 19 u li joriġina fil-PRC. Dan il-prodott, komunement magħruf bħala kokk tal-funderiji, jiġi prodott fi gradi differenti ma', b'mod partikolari, kontentut differenti ffissat ta' karbonju, u fi bċejjeċ ta' dasijiet differenti. Il-gradi kollha nstabu li kellhom l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi u l-istess użu bħal aġent ta' kombustjoni għall-użu fi fran fejn jiddewbu l-metalli għall-produzzjoni ta' ħadid fondut, *stone wool,* żingu u ċomb [4].

(7) Il-kokk tal-funderiji kien distint minn kokk ieħor li jaqa' taħtl-istess kodiċi NM bis-saħħa tad-daqs, jiġifieri kokk fi bċejjeċ b'dijametru ta' aktar minn 80 mm kien kusidrat li jkun l-uniku daqs adattat għal fran għat-tidwib tal-metall minħabba s-sħana tiegħu ta' kombustjoni u s-saħħa biex iġorr piżijiet mingħajr ma jinkiser. Kokk b'dijametru ta' anqas minn 80 mm, komunement magħruf bħala kokk tal-kalkari tal-funderiji, instab li ma kienx adattat għal użi oħrajn. Il-kokk tal-kalkari tal-funderiji jintuża għall-produzzjoni tal-azzar u għal finijiet oħrajn bħall-produzzjoni ta' kimika u zokkor.

(8) Sussegwentement għall-imposizzjoni ta' miżuri provviżorji ċerti partijiet interessati argumentaw li, għalkemm 80 mm kienet linja ċara ta' distinzjoni, kien hemm każijiet fejn kokk tal-kalkari tal-funderiji kien importat f'daqsijiet ta' aktar minn 80 mm, sa massimu ta' 100 mm. F'dan ir-rigward, kienet presentata informazzjoni li turi li ċerti awtoritajiet doganali kienu qed japplikaw id-dazju provviżorju ta' kontra prezzijiet bl-irħis kemm fuq il-kokk tal-funderiji u fuq il-kokk ta' kalkari tal-funderiji fi bċejjeċ ta' dijametru ta' aktar minn 80 mm.

---

[1] ĠU L 308, tad-29.11.1996, p. 11.
[2] ĠU L 122, tat-12.5.1999, p. 35.
[3] ĠU L 141, tal-15.6.2000, p. 9.

[4] Il-Kummissjoni sabet li l-espressjoni "ċomb taż-żingu" wżata fid-Deċiżjoni provviżorja kienet żball klerikali u għandha tiġi korretta bħala "żingu u ċomb".

(9) Għandu jiġi nnotat li l-prodott investigat kien kokk tal-funderiji u mhuxx kokk tal-kalkalri tal-funderiji. B'żieda, minħabba li l-kokk tal-kalkari tal-funderiji fi bċejjeċ ta' dijametru ta'aktar minn 80 mm ġeneralment għandu saħħa aktar baxxa u mhux maħsub biex jintuża fil-fran li jdewwbu l-metall għall-manifarttura ta' ħadid fondut, *stone wool* jew it-tidwib ta' żingu u ċomb. Għandu jiġi wkoll innotat li skond l-informazzjoni provduta mill-partijiet interessati fil-kors tal-investigazzjoni, f'dawk il-każi fejn kokk fi bċejjeċ b'dijametru ta' aktar minn 80 mm sa massimu ta' 100 mm huwa mportat flimkien ma' kokk fi bċejjeċ ta' dijametru ta' 80 mm jew anqas, dan il-kokk kien maħsub biex jintuża f'kalkari tal-funderiji u ma setax ġeneralment jintuża fi fran li jdewwbu l-metall.

(10) Għal dawn ir-raġunjijiet, il-prodott konċernat għandu jiġi kjarifikat u definit, waqt li jingħata kont minn-naħa 'l waħda, tal-karatteristiċi fiżiċi tiegħu, jiġifieri kokk ta' faħam fi bċejjeċ akbar minn dijametru massimu ta' 80 mm u, minn-naħa l-oħra, l-użu tiegħu, jiġifieri ta' tip użat fi fran għat-tidwib tal-metall għall-manifattura ta'ħadid fondut u *stone wool* kif ukoll għat-tidwib taż-żingu u ċ-ċomb. Għandu għalhekk jiġi ċċarat li kokk tal-kalkari tal-funderiji, għalkemm fi bċejjeċ ta' dijametru ta' aktar minn 80 mm sa 100 mm, li jiġu mportati flimkien ma' kokk fi bċejjeċ ta' dijametru ta' 80 mm jew anqas ma humiex koperti b'dan il-proċediment.

(11) L-esportaturi/produtturi ĊĊiniżi u importatur wieħed tal-Komunità argumentaw li l-prodott konċernat importat mill-PRC matul il-perjodu ta' investigazzjoni ("IP") (1 ta' Lulju 1998 sat-30 ta' Ġunju 1999) kien kokk tal-fonderiji nofs lest li seta' jiġi kunsidrat bħala kokklest wara skrinjar. L-importatur tal-Komunità allega li l-iskrinjar mhux biss is-separazzjoni tal-frazzjonijiet f'daqsijiet kummerċjali (aktar minn 80 mm) minn bċejjeċ iżgħar (80 mm jew anqas) kif dikjarat fid-dokument legali 13 tad-Deċiżjoni provviżorja, iżda wkoll fażi ta' stabbilizzazzjoni mekkanika immirata li tkisser bċejjeċ imxaqqa ta' kokk tal-funderiji. Billi dan huwa l-aħħar pass sostanzjali fil-katina tal-produzzjoni li jżid valur sinjifikanti, kien allegat li l-iskrinjar fil-Komunità kien biżżejjed biex jibdel l-oriġini tal-kokk tal-funderiji mportat mill-PRC. Kien allegat li dan kien sostnut ukoll b'aġġustament sinjifikanti fin-nefqiet għall-iskrinjar mogħtija mill-Kummissjoni fil-kalkolu tal-bejgħ bi prezz anqas.

(12) Din it-talba ma kienitx kunsidrata li hija ġustifikata. L-iskrinjar mekkaniku huwa trattament li bih il-frazzjonijiet tal-kokk jiġu separati f'daqsijiet jew firxiet ta' daqsijiet mingħajr iżda ma jinbidlu l-karatteristiċi bażiċi kimiċi jew fiżiċi, li jintirtu mill-faħam tal-kokk użat bħala materja prima u l-metodu ta' produzzjoni. Il-kokk tal-funderiji jrid jiġi skrinjat qabel l-użu aħħari industrijali biex jinkiseb id-daqs meħtieġ jew il-firxa ta' daqsijiet għal fran li jdewwbu l-metall. Normalment l-iskrinjar isir minnufih wara l-karbonizzazzjoni iżda, billi l-kokk tal-funderiji jbati minn xi deterjorament naturali matul it-tagħbija, il-ġarr jew il-ħatt, ta' spiss jerġa jiġi skrinjat wara l-ġarr bil-baħar F'dan ir-rigward, ma jistax jiġi kunsidrat li bl-iskrinjar, il-kokk tal-funderiji li jirriżultajirċievi l-karatteristiċi tiegħu komposizzjoni tiegħu proprja li ma kienx jppossjedi qabel din l-operazzjoni. Għalhekk ma jistax jiġi konkluż li kokk tal-funderiji mhux skrinjat fil-fruntiera tal-Komunità huwa prodott nofsu lest.

(13) U aktar, instab li l-iskrinjar jirrappresenta medja ta' anqas minn 4 % tal-prezz cif ta'importazzjoni u l-aġġustam,ent mogħti fil-kalkolu tat-tnaqqis fil-prezz inkluda mhux biss in-nefqa tal-iskrinjar, iżda wkoll l-ispejjeż kollha tal-bejgħ u l-finanzjament magħmula bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid. Għalhekk ma jistax jiġi konkluż li l-ammont totali tal-aġġustament mogħti fil-kalkolu tat-tnaqqis mill-prezz huwa indikazzjoni tal-valur miżjud tal-prodott wara l-importazzjoni tal-fini tal-istabbiliment tal-oriġini tal-oġġett. In vista ta' dak li ngħad hawn fuq, ma jistax jiġi argumentat li l-iskrinjar fil-Komunità jikkonferixxi oriġini tal-Komunità fuq il-prodott konċernat.

(14) Huwa għalhekk konkluż li l-prodott konċernat huwa kokk tal-funderiji li joriġina fil-PRC, jiġifieri kokk ta' faħam fi bċejjeċ b'dijametru ta' aktar minn 80 mm ta' tip użat fi fran għat-tidwib tal-metall għall-manifattura ta' ħadid fondut, *stone wool* żingu u ċomb. Ġie konkluż ukollli l-gradi kollha ta' kokk tal-funderiji huma prodott wieħed minħabba li jaqsmu l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi u kimiċi u għandhom l-istess użu ([1]).

2. **Prodott simili**

(15) Utent wieħed allega li kokk tal-funderiji tal-Komunità ma kienx simili għall-prodott konċernat, minħabba li dan imsemmi l-aħħar kien ta' kwalità aktar baxxa. B'sosteniment għal din l-allegazzjoni huwa argumenta li l-bdil bejn it-tnejn ma jistax iseħħ mingħajr modifikazzjonijiet sostanzjali u għaljin f'tagħmir tekniku li jwassal għal spejjeż sostanzjali. Xi utenti allegaw ukoll li l-prodott konċernat kien ta' kwalità aktar baxxa u seta' jintuża biss billi jitħallat ma' dak prodott mill-Komunità, u b'hekk jintwera li dawn il-prodotti ma humiex l-istess.

(16) L-ewwel nett wieħed għandu jfakkar li d-differenzi fil-kwalità ma għandhom l-ebda effett fuq id-definizzjoni tal-prodott simili, sakemm il-karatteristiċi bażiċi fiżiċi u kimiċi jibqgħu l-istess u ż-żewġ prodotti jkistgħu jinbidlu bejnithom. ([2]) Din il-kwistjoni ġiet espliċitament ittrattata fid-dokumenti legali 19 sa 21 tad-Deċiżjoni provviżorja. Il-kwistjoni tal-kwalità kienet ukoll is-sors ta' dikjarazzjonijiet milli jidher kontradittorji, prinċipalment minn funderiji. Xi whud minnhom allegaw li ma setgħux jużaw il-kokk tal-funderija Ċiniż minħabba l-kwalità baxxa tiegħu waqt li oħrajn allegaw li l-kokk tal-funderija Ċiniż kien superjuri għal dak prodott fil-Komunità. B'żieda, din il-kontradizzjoni sempliċement turi li, għalkemm hemm ċertilimiti ġeneralment aċċettati ta' karatteristiċi kimiċi u fiżiċi għall-kokk tal-funderija, l-utenti finali jistgħu jew jagħżlu il-kokk tal-funderija l-aktar adattat għall-finijiet

([1]) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
([2]) ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 40.

tagħhom jew jaġġustaw it-tagħmir tagħhom biex jadattawh għal kokk tal-funderija partikolari. Dan huwa konfermat mill-fatt li l-utenti finali bidlu minn kokk prodott fil-Komunità għal kokk tal-funderija Ċiniż u, f'xi każi, lura għall-kokk prodott fil-Komunità. Hemm għalhekk sitwazzjoni ċara fejn jista' jsir bdil ta' dawn il-prodotti u l-argument dwar il-ħtieġa ta' modifikazzjonijiet sostanzjali u għaljin fit-tagħmir tekniku mhux konvenċenti u għandu jiġi rifjutat. Li dawn iż-żewġ prodotti jikkompetu ma' xulxin huwa wkoll ipprovat mill-fatt li l-utenti ddeċiedew liema wieħed għandhom jixtru skond il-prezz tiegħu. Il-fatt li utenti speċifiċi jistgħu ma jkunux jistgħu jibdlu minn prodott għall-ieħor ma jinvalidax din il-konklużjoni.

(17) In vista ta' dan ta' hawn fuq, il-konklużjonijiet fid-dokumenti legali 18 sa 23 tad-Deċiżjoni provviżorja huma b'dan ikkonfermati.

D. **PREZZIJIET BL-IRĦIS**

1. **Status tal-ekonomija tas-suq**

(18) Il-kumpanija, li talbet l-istatus tal-ekonomija tas-suq ("MES"), oġġezzjonat għall-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-kontijiet tagħha ma jikkonformawx mal-ħtiġiet tal-Artikolu 2(7)(c), it-tieni inċiż, tad-Deċiżjoni bażika. Il-kumpanija allegat li l-Kummissjoni naqset li tinvestiga jekk il-kontijiet tal-kumpanija kienux suffiċjentement ta' min jorbot fuqhom biex jintużaw bħala l-bażi biex jiġi stabbilit il-marġini individwali tal-prezzijiet bl-irħis.

(19) Kif imniżżel fid-dokument legali 26 tad-Deċiżjoni provviżorja, l-investigazzjoni svelat b'mod ċar li l-kontijiet tal-kumpanija ma kienux adegwatament jirriflettu s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija matul l-IP, jiġifieri f'termini ta' rekords tal-bejgħ. Il-Kummissjoni stabbilit li l-kontijiet ma kienux miżmuma fuq bażi regolari u konsistenti, li fissret li ġeneralment ma kienux ta' min jorbot fuqhom u ma kienux jikkonformaw mal-*istandards* internazzjonali ta' kontabilità. Billi dan huwa kriterju għall-istabbiliment jekk l-esportatur joperax jew le taħt kondizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq, il-Kummissjoni kellha tirrifjuta t-talba għal status ta' ekonomija tas-suq skond id-Deċiżjoni bażika. Il-kumpanija ma bagħtetx aktar evidenza, li setgħet turi li l-kontijiet tagħha kienu madanakollu jikkonformaw mal-*istandards* internazzjonali tal-kontabilità. Għalhekk, u fin-nuqqas ta' xi informazzjoni li turi li l-konklużjoni preliminari tal-Kummissjoni kienet żbaljata, is-sejbiet provviżorji huma konfermati.

2. **Trattament individwali**

(20) L-istess kumpanija argumentat li l-Kummissjoni żbaljat meta kkonkludiet li ma kienitx tgawdi indipendenza legali u fattwali mill-Istat u li l-Kummissjoni ma tatx prova tal-eżistenza ta' riskju ta' ħarba mill-miżuri ta' kontra r-rimi jekk jingħata trattament individwali lilha. F'dan ir-rigward, jista' jiġi argumentat aktar li l-kumpanija nnegozjat il-kuntratti kollha tagħha direttament mal-klijenti tagħha fil-Komunità u li kellha kontroll sħiħ fuq dawn it-transazzjonijiet kummerċjali. Finalment hija argumentat li n-nuqqas ta' tweġiba ta' kwetjonarju mill-kumpanija omm tagħha f'Hong Kong ma għandiex tiġi kunsidrata bħala defiċjenza.

(21) Il-Kummissjoni stabbilit li bejgħ tal-iesportazzjonijiet tal-Kumpanija kienu, tal-anqas parzjalment, kontrollati mill-awtoritajiet ĊĊiniżi minħabba l-fatt li l-kumpanija ma setgħetx tesporta l-prodott konċernat f'isimha proprju, iżda kellha togħod fuq negozjanti proprjetarji tal-istat li kellhom liċenza biex jesportaw. B'żieda, l-investigazzjoni svelat li l-kumpanija ma kienetx ħielsa għal kollox biex tistabbilixxi l-prezzijiet tal-esportazzjoni, minħabba l-fatt li kienet meħtieġa li tħallas tariffa ta' aġenzija lin-negozjanti proprjetarji tal-istat. Il-fatt li l-kuntratti tal-bejgħ kienu negozjati direttament ma' klijenti fil-Komunità ma jistax jitqiex minnu nnifsu bħala suffiċjenti sabiex tintwera l-indipendenza meħtieġa mill-awtoritajiet tal-istat. Minħabba l-fatt li l-istat kellu tal-anqas kontroll parzjali fuq il-bejgħ ta' esportazzjoni tal-kumpanija, ir-riskju ta' evitar tad-dazju mal-pajjiż kollu kien kjarament presenti u ma setgħax jingħata trattament individwali lill-kumpanija.

(22) l-investigazzjoni svelat li l-kumpanija omm f'Hong Kong kienet kjarament involuta fil-*marketing* tal-prodott konċernat u fil-faċilitar tat-transazzjonijiet kummerċjali ta' esportazzjoni. Għandu iżda jiġi nnotat li l-fatt jekk il-kumpanija omm bagħtitx jew le risposta separata għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni ma għandux jibdel il-konklużjonijiet fid-dokumenti legali 20 u 21, jiġifieri li l-esportatur fil-PRC ma setgħax juri li kien suffiċjentement indipendenti mill-Istat biex ikun intitolat għal trattament individwali. Is-sejbiet provviżorji fid-dokumenti legali 32 u 34 tad-Deċiżjoni provviżorja huma għalhekk konfermati.

3. **Prezz ta' esportazzjoni**

(23) L-esportaturi ĊĊiniżi oġġezzjonaw għall-metodoloġija tal-Kummissjoni għall-kalkolazzjoni tal-ġarr bil-baħar u l-ispiża tal-assigurazzjoni ("nefqiet cif") fir-rigward tal-bejgħ tagħhom ta' esportazzjoni u argumentaw li għall-bejgħ kollu ta' esportazzjoni l-istess ammont ta' nefqiet cif kellu jintuża, jiġifieri jew in-nefqiet cif kif rapportati mill-produtturi esportaturi jew in-nefqiet cif kif kalkolati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tan-nefqiet cif attwalment verifikati mibgħuta minn wieħed mill-importaturi prinċipali.

(24) Għall-finijiet tal-istabbiliment tal-marġini provviżorju ta' bejgħ b'irħis u fil-każi fejn saru transazzjonijiet kummerċjali fuq bażi ta' mingħajr ħlas abbord ("fob"), il-Kummissjoni kkalkolat in-nefqiet cif fuq il-bażi tan-nefqiet cif attwalment verifikati mibgħuta minn wieħed mill-importaturi prinċipali. Iżda, fil-każi fejn il-bejgħ kien magħmul fuq bażi cif, intużat in-nefqa cif rapportata

mill-esportatur konċernat. Għall-fini tal-istabbiliment tal-marġini definittiva ta' prezzijiet irħas u b'żieda mal-kummenti riċevuti, il-Kummissjoni rrevediet din l-attitudni. Instab li n-nefqa cif rapportata mill-esportatur konċernat fil-każi fejn il-bejgħ kien magħmul fuq bażi cif kien fil-fatt stima biż-żejjed u għandu jiġi skartat. B'konsegwenza, u billi ma ntbagħtet ebda evidenza li turi li n-nefqiet attwali cif tal-importatur imsemmi hawn fuq ma kienux ta' min jorbot fuqhom jew inkorretti, il-Kummissjoni kkunsidrat xieraq li tapplika dawn għat-transazzjonijiet kumerċjali ta' esportazzjoni Ċiniżi rapportati.

4. **Paragun**

4.1. *Spejjeż tat-trasport*

(25) Esportatur Ċiniż wieħed allega li minħabba l-lok tal-kumpanija viċin il-port, l-ispiża tiegħu tat-trasport kellha tintuża sabiex jġu kalkolati l-prezzijiet fob fl-Istati Uniti ta' Amerika ("l-USA") li nżamm bħala l-pajjiż analogu. Żewġ esportaturi oħrajn ĊĊiniżi talbu li medja tal-ispiża ta' trasport tattielet esportatur u l-ispiża tat-trasport fuq l-art li jinsabu fil-pajjiż analogu jintużaw.

(26) L-ispejjeż u l-prezzijiet f'pajjiż li ma għandux ekonomija tas-suq jitgħawġu permezz tal-influwenza tal-istat u għalhekk ma humiex funzjoni ta sinjali ta' suq normali. Dan jgħodd ukoll għall-ispiża tat-trasport u din hija r-raġuni għaliex l-ispejjeż attwali tat-trasport tal-esportatur Ċiniż ma ntużaw iżda pjuttost iżda l-ispiża attwali verifikata tat-trasport magħmula mill-produtturi fil-pajjiż analogu. L-argument li għal produttur Ċiniżi wieħed dawn l-ispejjeż ġew verifikati mill-Kummissjoni fil-qafas tal-investigazzjoni MES huwa rrilevanti minħabba li ebda trattament ta' ekonomija tas-suq ma ngħata f'din l-investigazzjoni. Għalhekk,il-proposta biex tintuża l-ispiża tat-trasport magħmula mill-esportatur imsemmi hawn fuq kellha tiġi rifjutata.

(27) B'żieda, l-Kummissjoni nvestigat l-adattezza tal-paragun tal-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fuq il-bażi fob. F'dan ir-rigward ingħata kont tal-fatt li f'xi każijiet id-distanza bejn il-fabbriki u l-port fil-pajjiż esportatur kienet konsiderevoli. Għall-fini tal-istabbiliment definittiv, kien għalhekk kunsidrat xieraq li jinbidel il-bażi tal-paragun għal wieħed kif joħroġ mill-fabbrika. Saru l-aġġustamenti xierqa fuq il-prezz tal-esportazzjoni u finnuqqas ta' xi informazzjoni oħra ta' min jorbot fuqha f'dan ir-rigward, in-nefqa tat-trasport flart l-aktar baxxa attwali li tinsab fis-suq domestiku US intużat bħala l-bażi għall-kalkolu tal-aġġustament.

4.2. *Proċess ta' produzzjoni*

(28) L-esportaturi Ċiniżi tennew it-talba tagħhom għal aġġustament għad-differenzi fil-proċess ta' produzzjoni. Huma argumentaw li kien anqas intensiv bħala kapital minn dak użat fil-pajjiż analogu, minħabba l-użu ta' fran aktar sofistikati fil-USA.

(29) Fir-rigward tad-differenzi fil-proċess ta' produzzjoni bejn pajjiż li ma għandux ekonomija tas-suq u l-pajjiż rispettiv analogu, hija l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li tagħti aġġustament għall-vantaġġi paragunabbli. Iżda, dawk l-għotjiet ma jistgħux jingħataw selettivament għal ċerti elementi tal-ispejjeż li jistgħu ma jipprovdux stampa rappresentattiva kollox ma' kollox.

4.3. *Vantaġġi paragunabbli*

(30) L-esportaturi Ċiniżi tennew it-talba tagħhom għal aġġustament għall-vantaġġi naturali paragunabbli vis-à-vis l-pajjiż analogu f'termini ta' aċċess għall-materja prima. F'dan ir-rigward, l-esportaturi allegaw li l-valur normali tal-pajjiż analogu ma kellux jintuża bħala tali sabiex jiġi paragunat mal-prezz tal-esportazzjoni minħabba l-fatt li l-PRC għandha l-akbar riżervi tal-faħam fid-dinja, li jippermettu xogħol effiċjenti fil-minjieri u għalhekk dan kellu impatt fuq il-prezz tal-materja prima u konsegwentement fuq il-kokk tal-funderiji. B'żieda, l-esportaturi Ċiniżi allegaw li l-produtturi Ċiniżi għandhom aċċess faċli għall-materja prima, minħabba mminar fil-wiċċ, b'kuntrast mall-USA, fejn il-faħam prinċipalment jiġi mminat taħt l-art.

(31) Il-Kummissjoni nvestigat f'aktar dettal jekk il-produtturi Ċiniżi kellhomx jew le vantaġġi naturali paragunabbli meta mqabbla ma' produtturi tal-US. F'dan ir-rigward, l-investigazzjoni svelat l-ewwel nett li, b'kuntrast ma' dak li kien qed jiġi allegat il-USA kellha l-akbar riżervi tal-faħam fid-dinja. Barra minn dan instab li l-USA tagħmel użu estensiv ta' mminar fil-wiċċ u li l-ammont ta' mminar fil-wiċċ kien x'aktarx ekwivalenti għal dak tal-PRC. Barra minn dan, l-investigazzjoni svelat li l-imminar taħt l-art kien ukoll prattikat fil-PRC. Bħala konklużjoni, kien għalhekk stabbilit li l-USA u l-PRC għandhom aċċess simili għall-materja prima u li ż-żewġ pajjiżi għandhom l-istess vantaġġi paragunabbli. B'konsegwenza, aġġustament ma kienx ġustifikat. Il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet pġrovviżorji f'dfan ir-rigward imniżżla fid-dokument legali 51 tad-Deċiżjoni provviżorja u tirriafferma li, skond id-Deċiżjoni bażika, l-għażla tal-USA bħala pajjiż analogu fil-proċediment presenti kienet l-aktar adattata u raġonevoli.

4.4. *Tariffa tal-Kummissjoni*

(32) Esportatur Ċiniż wieħed allega li t-tariffa mħallsa tal-Kummissjoni ma kellhiex titnaqqas mill-prezz tal-esportazzjoni. It-talba kienet milqugħa u l-prezzijiet tal-esportazzjoni kienu hekk aġġustati.

5. **Marġini ta'prezzijiet imraħħsa**

(33) Kif imħabbar fid-dokument legali 58 tad-Deċiżjoni provviżorja, il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi/esportaturi kien investigat aktar u nstab li kien ta' 57,8 % tal-volum totali esportat ta' kokk tal-funderiji fil-Komunità matul l-IP. Għandu jiġi nnotat li minħabba li *data* separata Eurostat ta' importazzjoni għall-kokk tal-funderiji

ma kienitx disponibbli, il-volum tal-kokk tal-funderiji importat kif rapportat, u verifikat, mill-importaturi li kkooperaw ittieħed bħala bażi biex jiġi kalkolat il-livell ta' kooperazzjoni.

(34) Fil-kalkolu ta' marġini waħdieni ta' prezz imraħħas mal-pajjiż kollu, il-Kummissjoni b'konsegwenz akellha tagħti kont tal-livell għoli ta' nuqqas ta' kooperazzjoni, sabiex ma tippremjax lill-partijiet li ma kkooperawx. F'dan ir-rigward, marġini ta' prezzijiet imraħħsa, li jikkorrispondi għall-ogħla marġini stabbilit għal transazzjoni kummerċjali rappresentattiva minn kumpanija waħda mill-PRC li kkooperat, kien attribwit għall-produtturi/esportaturi li ma kkooperawx. Il-marġini waħdieni mal-pajjiż kollu ta' prezzijiet imraħħsa kien sussegwentement kalkolat bħala il-medja peżata tal-marġini stabbilit għall-produtturi/esportaturi li kkooperaw u l-marġini stabbilit għall-produtturi/esportaturi li ma kkooperawx.

(35) Il-marġini ta' prezzijiet imraħħsa definittiv waħdieni mal-pajjiż kollu espress bħala perċentwal tal-prezz cif ta' esportazzjoni fil-fruntiera tal-Komunità eċċeda s-60 %.

E. INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ

(36) Billi ma saru ebda rappresentazzjonjiet minn xi partijiet interessati fir-rigward tad-definizzjoni provviżorja ta' industrija tal-Komunità, il-konklużjonijiet fid-dokumenti legali 60 sa 65 tad-Deċiżjoni provviżorja huma b'dan konfermati.

F. ĦSARA

1. Kummenti preliminari

(37) L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-istabbiliment tal-ħsara jkopru l-perjodu l-1 ta' Jannar 1995 sat-tmiem tal-IP.

(38) Parti waħda interessata argumentat li l-għażla tal-1995 bħla s-sena tal-bidu għall-ġbir ta' *data* għawġet l-analiżi tal-ħsara. Huwa allegat li din is-sena kienet eċċezzjonalment tajba għall-industrija tal-Komunità minħabba talba għolja ħafna, fil-waqt li l-użu tas-sena 1994 bħala l-punt tal-bidu kienu juri li l-industrija tal-Komunitàfl-IP kien fl-istess livell bħal fl-1994 u għalhekk ma ġiet ikkawżata ebda ħsara.

(39) Għandu jiġi nnotat li l-għan tal-investigazzjoni tal-ħsara huwa biex jiġi evalwat l-effett ta' importazzjonijiet bi prezzijiet imraħħsa fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Komunità matul l-IP. Sabiex isir dak l-analiżi, ġew stabbiliti xejriet għal numru ta' indikaturi fuq il-bażi ta' informazzjoni li tirrelata ma' numru ta' snin li jiġu qabel l-IP. L-għan ta' dan l-analiżi mhux biex isir analiżi bejn punt ta' tmiem u punt ta' tmiem iżda pjuttost biex jiġu stmati l-iżviluppi fil-perjodu shiħ kunsidrat sabiex jiġi stabbilit jekk is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Komunità fl-IP tistax tiġi kunsitrata bħala ta' ħsara. F'dan ir-rigward, minħabba s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Komunità fl-IP, is-sejbiet ta'ħsara sofferta fl-industrija tal-Komunità fl-IP kienu jitlaħqu irrispettivament ta' jekk l-1994 jew l-1995 ittieħdux bħala l-punt tal-bidu.

2. Konsum evidenti tal-Komunità

(40) Billi ma ġew riċevuti ebda rappresentazzjonijiet ġodda dwar konsum evidenti fis-suq tal-Komunità, il-konklużjonijiet fid-dokumenti legali 66 sa 67 tad-Deċiżjoni provviżorja huma b'dan konfermati.

3. Importazzjonijiet li joriġinaw fil-PRC

3.1. *Volum tal-importazzjonijiet konċernati; sehem tas-suq, sehem ta' produzzjoni u evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet konċernati*

(41) Fin-nuqqas ta' rappresentazzjonijiet ġodda fir-rigward tal-volum ta' importazzjoni u s-sehem tas-suq ta' importazzjonijiet bi prezzijiet imraħħsa, il-fatti u s-sejbiet stipulati fid-dokuemnti legali 68 sa 72 tad-Deċiżjoni provviżorja huma b'dan konfermati.

3.2. *Traħħis fil-prezzijiet*

(42) Parti waħda interessata argumentat li sabiex jitwettaq kalkola tat-traħħis fil-prezzijiet fuq bażi ġust, il-prezzijiet mitluba mill-industrija tal-Komunità għandhom ikunu paragunati mal-prezzijiet tal-bejgħ mill-importatur aġġustati għall-valur aktar baxx ta' sħana minħabba l-kontenut aktar baxx iffissat ta' karbonju u għall-investiment meħtieġ għall-użu ta' kokk ¬iniż tal-funderiji.

(43) Għandu jiġi nnotat li d-differenza fil-valur tas-sħana diġà ngħata kont debitu tiegħu fil-kalkola tat-traħħis tal-prezzijiet (ara dokument legali 74 tad-Deċiżjoni provviżorja). B'żieda, l-informazzjoni provduta mill-partijiet interessati wriet li ma huwa meħtieġ ebda tagħmir speċjali sabiex jintuża jew il-prodott konċernat jew dak prodott fil-Komunità. Kemm il-prodott konċernat u l-kokk tal-funderiji tal-Komunità jistgħu jintużaw f'kull forn li jdewweb il-metall, ukoll jekk il-forn li jdewweb il-metall jeħtieġ li jiġi aġġustat għall-gradi differenti tal-kokk tal-funderiji wżat, irrispettivament mill-oriġini tiegħu. Din l-allegazzjoni għalhekk mhix rilevanti.

(44) Kien allegat li l-aġġustament tal-prezzijiet Ċiniżi għall-kontenut aktar baxx iffissat ta' karbonju ma kienx suffiċjentement jirrifletti d-differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi bejn il-prodott konċernat u l-kokk tal-funderiji tal-Komunità. Kien għalhekk propost li valur tas-suq għal din id-differenza għandu jkun ibbażat fuq il-penalitajiet stipulati fil-kuntratti għall-qbiż tal-livelli massimi miftiehma f'kull wieħed minn dawn l-oġġetti.

(45) L-informazzjoni presentata mill-partijiet interessati turi li l-bejgħ tal-kokk tal-funderiji huwa ġeneralment ibbażat fuq kuntratti fejn iż-żewġ partijiet jistipulaw il-livelli minimi/massimi għall-kontenut ta' rmied, ndewwa u materjal volatili, jistabbilixxu l-penalitajiet li għandhom jgħoddu jekk dawk il-limiti jinqabżu u jiftiehmu dwar il-prezzijiet. Huwa għalhekk normali li l-istess prezz jitħallas għall-kokk tal-funderiji fi gradi differenti kemm-il darba l-limiti stipulati ma jinqabżux. Barra minn dan, il-prezzijiet ta' esportazzjoni rapportati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi fit-transazzjonijiet kummerċjali tagħhom tal-esportazzjonijiet użati fil-kalkoli tat-traħħis tal-prezzijiet huma dwak qabel l-applikazzjoni ta' xi penalità kuntrattwali. Minħabba dan ta' hawn fuw, mhux kunsidrat xieraq li tiġi valutata d-differenza fil-kontenut ta' rmied, ndewwa u/jew materjal volatili bejn il-prodott konċernat u l-kokk tal-funderiji tal-Komunità fuq penalitajiet kuntrattwali.

(46) Parti waħda interessata allegat li sabiex jiġi paragunat il-prodott konċernat u l-kokk tal-funderiji tal-Komunità fl-istess livell ta' kummerċ, għandu jsir aġġustament fil-prezzijiet ta' importazzjoni Ċiniżi biex jinkludu, mhux biss l-ispejjeż tal-bejgħ u l-finanzjament magħmula minn importaturi mhux relatati, iżda wkoll il-marġini tagħhom ta' profitt.

(47) Din it-talba hija kunsidrata ġustifikata sabiex jiġu paragunati ż-żewġ prodotti fl-istess livell ta' kummerċ. Għalhekk l-aġġustament magħmul fl-istadju provviżorju għall-ispejjeż tal-bejgħ u finanzjament minn importaturi fil-Komunità għandhom ukoll jinkludu l-marġini tal-profitt milħuq minn importaturi mhux relatati fuq il-bejgħ tagħhom tal-prodott konċernat. Dan l-aġġustament sar fuq il-bażi tal-medja peżata tal-profitti rapportata minn importaturi mhux relatati li kkooperaw matul l-IP, 7,2 %.

(48) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq huwa konklużż li matul l-IP, il-kokk tal-funderiji Ċiniż inbiegħ fil-Komunità bi prezzijiet li kienu mraħħsa meta mqabbla mal-prezzijiet tal-industrija tal-Komunità, meta espressi bħala perċentwali ta' dawn imsemmija l-aħħar, b'25,7 %.

4. **Sitwazzjoni tal-industrija tal-Komunità**

(49) Fin-nuqqas ta' xi kummenti, s-sejbiet provviżorji fir-rigward ta'ħażniet, volum ta' bejgħ u sehem tas-suq (tkabbir), investimenti, impiegi u produttività huma b'dan konfermati.

4.1. *Produzzjoni, kapaċità u utilizzazzjoni tal-kapaċità*

(50) Utent wieħed argumenta li t-tnaqqis fil-produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità li jinsabu fid-Deċiżjoni provviżorja ma kienux dovuti għal żieda fil-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott konċernat iżda pjuttost minħabba fatturi tekniċi. Biex isostni dan l-argument huwa qal li l-kwantità ta' kokk tal-funderiji prodott jiddependi fuq il-ħin użat tal-ikkokkjar: jiġi prodott aktar kokk tal-funderiji b'ħin itwal ta' kkokkjar, iżda l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-kokk tal-funderiji titnaqqas relattivament. Ukoll, il-produzzjoni tal-kokk tal-funderiji tiġġenera madwar 10 % ta' skart ("skart tal-kokk") u tal-anqas 10-15 % ta' kokk fi bċejjeċ ta' dijametru li jkun anqas minn 80 mm, hija allegat li għal kapaċita nominali ta' 100 %, il-olum attwali ta' produzzjoni tal-industrija tal-Komunità jista' jkun biss ta' 75 %. Finalment, din argumentat li, kemm-il darba l-makkinarju ma jiġix aġġornat kostantement, il-kapaċità attwali tal-industrija tal-Komunità taqa' bi 1,3-1,5 % kull sena.

(51) Fir-rigward tal-istima tal-kapaċità tal-produzzjoni, instab li d-daqs tal-kokk tal-funderija jikkorelata mhux biss mal-ħin tal-ikkokkjar (l-itwal li jkun il-ħin tal-ikkokkjar, l-għola tkun il-produzzjoni tal-kokk tal-funderiji) iżda wkoll mat-taħlita (it-taħlita speċifika tal-produttur ta' faħam tal-ikkokkjar u antifratturanti) u mat-temperatura tal-forn (temperatura għola tippermetti ħin iqsar tal-ikkokkjar) użat fil-produzzjoni. B'żieda, l-istima tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Komunità kienet ibbażata fuq formola uniformi li tat kont tal-*input* massimali ta' faħam tal-kokk kull forn, il-jiem operattivi ta' kull sena (365), in-numru ta' *pushes* (ħatt tal-fran) kull jum, il-produzzjoni tal-materjal volatili tal-faħam tal-kokk konvertita f'gass tal-kokk matul il-karbonizzazzjoni kif ukoll id-daqs prodott. Fir-rigward tal-aġġornar kostanti tal-makkinarju, din hija r-raġuni għall-investimenti ta'kull sena magħmula mill-industrija tal-Komunità kif spjegat fid-dokument legali 91 tad-Deċiżjoni provviżorja. Minħabba dak li ntqal hawn fuq, l-allegazzjoni li t-tnaqqis fil-produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità huma indipendenti mill-effett tal-importazzjonijiet bi prezzijiet imraħħsa għandha tiġi rifjutata u lpkonklużjonijiet fid-dokumenti legali 78 sa 81 tad-Deċiżjoni provviżorja huma b'dan konfermati.

4.2. *Prezzijiet tal-bejgħ u fatturi li jeffettwaw il-prezzijiet tal-bejgħ inkluż i-pagi*

(52) Fir-rigward tal-iżvilupp tal-medja peżata tal-prezzijiet ta' unità, setgħu jiġu identifikati żewġ fażijiet, wieħed bejn l-1995 u l-1997 u t-tieni bejn l-1997 u l-IP. Fl-ewwel fażi, il-prezzijiet tal-industrija tal-Komunità żdiedu b'6 %, li jikkoinċidu ma' żieda fil-prezzijiet tal-materja prima. Fit-tieni fażi, il-prezzijiet tal-industrija tal-Komunità naqsu aktar mill-prezzijiet tal-materja prima waqt li l-ispejjeż tagħha ta' unità żdiedu minħabba nuqqas fl-utilizzazzjoni tal-kapaċità. F'dawn iċ-ċirkostanzi il-prezzijiet tal-industrija tal-Komunità kienu miżmuma milli jiżdiedu għall-livell suffiċjenti biex ikopru l-ispejjeż bejn l-1997 u l-IP.

(53) Fir-rigward tal-ispejjeż tal-produzzjoni ġew identifikati żewġ fażijiet. Bejn l-1995 u l-1997, minkejja ż-żieda fl-ispejjeż (prinċipalment fil-materja prima) dawn l-ispejjeż ta' produzzjoni setgħu jiġu mgħoddija lill-prezzijiet tal-bejgħ u l-industrija tal-Komunità baqgħat profittabbli. Iżda, bejn l-1997 u l-IP, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-industrija tal-Komunità naqset u għalhekk l-ispejjeż fissi li, f'industrija bħal dik jikkomprendu l-ispejjeż kollha ħlief għall-materja prima, kellhom jiġu allokati fuq produzzjoni li kienet qed tonqos, bir-riżultat li l-ispejjeż tal-unità żdiedu. U aktar, il-volum tal-bejgħ u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Komunità naqsu. L-effet maqgħud ta', żieda fl-ispejjeż u tnaqqis fil-volum tal-bejgħ (- 8 %) u prezzijiet (- 7 %) irriżulta f'li l-industrija tal-Komunità għamlet telf li jammonta għal - 5.5 % fl-IP.

(54) Fir-rigward b'mod partikolari tal-ispejjeż tax-xogħol, minkejja tnaqqis f'termini assoluti bejn l-1997 u l-IP, l-ispejjeż ta' l-unità tax-xogħol żdiedu bħala riżultat tat-tnaqqis fl-unitajiet prodotti.

4.3. *Profitti likwidità, dħul fuq investiment u l-abbiltà li jittella kapital*

(55) Għandu jiġi nnotat li s-sejbiet fid-dokument legali 89 tad-Deċiżjoni provviżorja li jikkonċerna l-profitti tal-industrija tal-Komunità ġew riveduti biex jingħat kont ta' żball fil-kalkolu li seħħ fl-istadju provviżorju. Il-profitti tal-industrija tal-Komunità kienet segwita wkoll fiż-żewġ fażijiet imsemmija hawn fuq: bejn l-1995 u l-1997 il-profitti baqgħat pożittiva (9,4 % fl-1995, 14,1 % fl-1996 u 8,1 % fl-1997) fil-waqt li l-profitti naqsu għal 1,3 % fl-1998 u wara għal telf li jammonta għal - 5,5 % fl-IP.

(56) Fir-rigward tal-likwidità din żviluppat minn indiċi ta' 100 fl-1995, għal 141 fl-1996, għal 96 fl-1997, għal 33 fl-1998 u għal 16 fl-IP. Ix-xejra turi li s-sitwazzjoni fl-industrija tal-Komunità f'termini ta' likwidità ddeterjorat ħafna bejn l-1997 u l-IP.

(57) Dawr id-dħul fuq investimenti u l-abbiltà li jittalla kapital, bejn l-1995 u l-1997 il-profitt qabel it-taxxi ġenerat mill-industrija tal-Komunità kien suffiċjenti biex ikopri investimenti f'attiv ġdid. Iżda, fl-1998 u fl-IP, il-profitti ġenerati ma setgħux ikopru investiment f'attiv ġdid.

4.4. *Kobor tal-marġini attwali ta' prezzijiet imraħħsa*

(58) Fir-rigward tal-impatt tal-industrija tal-Komunità fuq il-kobor tal-marġini attwali tal-prezzijiet imraħħsa, minħabba l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-PRC, dan l-impatt ma setgħax jitqies li huwa neliġibbli.

5. **Konklużjoni tal-ħsara**

(59) Fuq il-bażi tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet fid-dokumenti legali 50 sa 58 tad-Deċiżjoni provviżorja, jista' jiġi konkluż b'mod ċar li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Komunità fl-IP kienet ta'ħsara. B'mod partikolari, l-industrija tal-Komunità sofriet telf bħala riżultat ta' tnaqqis fil-volum tal-bejgħ tagħha u l-prezzijiet tal-bejgħ, flimkien ma' żieda fl-ispejjeż tal-unità li jirriżultaw mit-tnaqqis fil-kapaċita tal-utilizzazzjoni. Is-sejbiet provviżorji fid-dokument legali 98 tad-Deċiżjoni provviżorja fir-rigward tal-ħsara materjali sofferta mill-industrija tal-Komunità huma għalhekk konfermati.

G. **KAWŻALITÀ**

(60) Fid-Deċiżjoni provviżorja ġie konkluż li kien hemm evidenza qawwija ta' rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezzijiet imraħħsa u l-ħsara materjali misjuba. Instab li, waqt li l-konsum baqa' stabbli, il-volum ta' importazzjonijiet Ċiniżi żdied b'63 % matul il-perjodu kunsidrat u s-sehem tagħhom tas-suq żdied minn 17,3 % fl-1995 għal 27,9 % fl-IP. Iż-żieda fis-sehem tas-suq mill-importazzjonijiet Ċiniżi tikkorrispondi mal-istess tnaqqis fis-sehem tas-suq tal-industrija tal-Komunità. U aktar, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi sinjifikament inaqqsu dawk tal-industrija tal-Komunità fl-IP (25,7 %). Iż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi tikkoinċidi ma' tnaqqis fil-volum tal-bejgħ u fl-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-industrija tal-Komunità,li kkontribwixxit għal żiedat fl-ispejjeż tal-unità, li wasslet għal telf sostanzjali fl-IP (- 5,5 %).

(61) Diversi partijiet interessati allegaw li l-evoluzzjoni fil-prezzijiet tal-industrija tal-Komunità u l-ispejjeż ma kienux influwenzati mill-importazzjonijiet Ċiniżi iżda kienu mbuttati mill-prezzijiet tal-materja prima prinċipali, faħam tal-kokk. B'mod partikolari, utent wieħed allega li l-prezz tal-faħam tal-kokk importat mill-USA żdied sostanzjalment matul il-perjodu, essenzalment bħala riżultat tal-apprezzament tad-dollaru Amerikan li ma setgħax jiġi kumpensat bi tnaqqis fl-ispejjeż tal-ġarr. Iżda, ma ġiet provduta ebda evidenza ta' sostenn.

(62) Fir-rigward ta' prezzijiet ta' faħam tal-kokk, kif dikjarat fid-dokument legali 119 tad-Deċiżjoni provviżorja, il-prezzijiet tal-materja prima żdiedu bejn l-1995 u l-1997 u mbagħad naqsu bejn l-1997 u l-IP. Għalkemm l-ECU/EWRO iddiprezza kontra d-dollaru Amerikan matul il-perjodu kunsidrat, instab li kemm il-prezzijiet fob ta' faħam tal-kokk mill-USA u l-ispejjeż Atlantiċi tal-ġarr naqsu, li kkumpensaw għall-effetti tal-apprezzament tad-dollaru Amerikan mill-1997.

(63) U aktar, il-prezzijiet tal-bejgħ ta'kokk tal-funderiji tal-Komunità bejn l-1997 u l-IP naqqsu b'aktar miż-żieda fil-prezz tal-unità tal-materja prima. Fuq dan il-bażi, l-konklużjoni tad-dokument legali 120 tad-Deċiżjoni provviżorja li l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Komunità tnaqqsu b'mod aktar mgħaġġel mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima huwa b'dan konfermat.

(64) Produttur esportatur wieħed argumenta wkoll li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma setgħux jikkawżaw ħsara lill-industrija tal-Komunità billi l-profitti tal-industrija tal-Komunità żdiedu bejn l-1995 u l-1996 waqt li l-prezzijiet tal-importazzjoni Ċiniża kienu fil-livell l-aktar baxx tagħhom matul l-istess perjodu.

(65) F'dan ir-rigward għandu l-ewwel nett jiġi nnotat li r-rabta każwali bejn l-importazzjonijiet bi prezzijiet imraħħsa u s-sitwazzjoni fl-industrija tal-Komunità għandhom ikunu stabbiliti matul l-IP. Barra minn dan, l-iżvilupp fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi bejn l-1995 u l-1997 instab li huwa marbut ma' stabilità imtejjba ta' kwalitàtal-prodott konċernat. Finalment, fl-IP il-prezzijiet Ċiniżi nstabu li kienu naqqsu u li sostanzjalment kienu mraħħsa aktar minn dawk tal-industrija tal-Komonità, li rriżulta f'żieda sinjifikanti fil-volum ta' importazzjonijiet Ċiniżi fl-IP.

(66) B'konklżujoni, u minħabba li ma nstabu ebda fatturi possibbli oħrajn u li lanqas ma ntbagħtu xi argumaneti li jikkonċernaw ir-rabta każwali bejn l-importazzjonijiet imraħħsa li joriġinaw fil-PRC u l-ħsara materjali, is-sejbiet provviżorji dwar il-kawżalità ta' ħsara fid-dokumenti legali 99 sa 127 tad-Deċiżjoni provviżorja huma b'dan konfermati.

H. **INTERESS TAL-KOMUNITÀ**

1. **Kummenti preliminari**

(67) Għandu jitfakkar mid-dokumenti legali 128 sa 184 tad-Deċiżjoni provviżorja li sar apprezzament tal-interessi varji kollha,inklużi l-interessi tal-industrija tal-Komunità, l-importaturi u l-utenti industrijali. Il-Kummissjoni kkonkludiet provviżorjament illi ma hemm ebda raġunjiet serji għaliex ma għandhomx jiġu imposti miżuri kontra traħħis fil-prezzijiet kontra importazzjonijiet bi prezzijiet imraħħsa li joriġinaw fil-PRC.

2. **Impatt tal-miżru fuq l-industrija tal-Komunità**

(68) Billi ma ntbagħtu ebda fatti ġodda jew argumenti minn xi parti fir-rigward tal-impatt tal-miżuri kontra traħħis fil-prezzijiet fuq l-industrija tal-Komunità, is-sejbiet fid-dokumenti legali 135 sa 145 tad-Deċiżjoni provviżorja huma b'dan ikkonfermati.

3. **Impatt tal-miżuri fuq importaturi/negozjanti**

(69) Importatur wieħed argumenta li l-interessi tal-importaturi/negozjanti ma ġewx stmati kif jixraq. B'mod partikolari, huwa allega li għalkemm il-prodott ikkonċernat kien parti żgħoira mill-attivitajiet kollha tal-importaturi/negożjanti, dan kellu effett sostanzjali posittiv fuq in-nefqiet totali tagħhom u l-bejgħ minħabba l-ekonomiji tal-iskala minħabba l-importazzjoni ta' kwantitajiet akbar ta' tipi differenti ta' prodotti tal-faħam inkluż kokk tal-funderiji. Ġie allegat ukoll li ma kien hemm ebda alternattiva adegwata ta' sorsi ta' provvista ta' kokk tal-funderiji Ċiniż.

(70) L-ewwel nett għandu jiġi nnotat li xi ekonomiji tal-iskala attribwibbli għall-importazzjonijiet tal-prodott konċernat huwa riżultat tal-prattika ta' traħħis fil-prezzijiet mill-esportaturi produtturi Ċiniżi. U aktar, il-perċentwal żgħir tan-negozju totali tal-faħam effettwat bl-imposizzjoni ta' miżuri kontra t-traħħis fil-prezzijiet fuq kokk tal-funderiji (anqas minn 2,5 % tal-bejgħ totali) jħassar il-possibbiltà li ekonomiji sostanzjali tal-iżkala jiġu perikolati serjament.

(71) Fir-rigward ta' sorsi alternattivi ta'provvista, għandu jitfakkar li l-mira tal-imposizzjoni ta' miżuri kontra prezzijiet imraħħsa ma għandhiex tipprevjeni l-importazzjonijiet tal-prodott konċernat fil-Komunità, iżda biex telimina l-effetti ta' tgħawwiġ fil-kummerċ ta' traħħis fil-prezzijiet li jagħmel il-ħsara u biex trodd lura l-kompetizzjoni effettiva. Barra minn hekk, mhux probabbli li l-importaturi/negozjani jieqfu milli jimportaw mill-PRC minħabba l-investimenti magħmula mill-PRC u l-kwalità tal-prodott konċernat. Finalment, l-importaturi/negozjanti jinnegozjaw ukoll f'kokk tal-funderiji prodott mill-industrija tal-Komunità.

(72) B'konsegwenza, l-konklużjonijiet fid-dokumenti legali 146 sa 1515 tad-Deċiżjoni provviżorja li jirrigwardaw l-impatt probabbli ta' miżuri kontra traħħis fil-prezzijiet fuq importaturi/negozjani, huma b'dan ikkonfermati.

4. **Impatt tal-miżuri fuq utenti**

4.1. *Kummenti preliminari*

(73) Fl-istadju provviżorju tal-investigazzjoni, l-effetti probabbli tal-imposizzjoni/nuqqas ta' imposizzjoni ta' miżuri kontra traħħis fil-prezzijiet kienu eżaminati fuq il-bażi ta' informazzjoni sostanzjata presentata minn utenti li kkooperaw, inkluż produttur prinċipali tal-i*stane wool* u numru ta' funderiji.

(74) Ċerti utenti argumentaw li d-*data* wżata biex jiġi eżaminat l-impatt ta' dazji kontra traħħis fil-prezzijiet fuq il-funderiji naqset milli jkun rappresentattiva. Eżami ieħor tal-effetti tal-imposizzjoni tal-miżuri fuq utenti sar fuq il-bażi ta' informazzjoni addizzjonali riċevuta mill-utenti li ġejjin:

Produtturi ta' *stone wool*

— Partek Paroc Oy, Helsinki, Finland,

Funderiji

— CFFC-Pamco Industries SA, Paris, France,

— Chamberlin & Hill plc, Walsall, UK,

— Cradley Castings Ltd, Cradley, UK,

— Darcast Components Ltd, Smethwick, UK,

— Eisengießerei Kronach Karl Sperber GmbH, Kronach, Germany,

— FASS SA, Sancerre, France,

— Fonderia de Montorso Spa, Vicenza, Italy,

— Fonderies franco-belges SA, Merville, France,

— Fucoli SA, Coimbra, Portugal,

— Godin SA, Guise, France,

— Guss Komponenten GmbH, Hall in Tirol, Austria,

— Jones and Champbell Ltd, Larbert, UK.

— Piret SA, Gilly, Belgium,

— Römheld & Moelle GmbH, Mainz, Germany,

— Sachs Gießerei GmbH, Kitzingen, Germany,

— Tiroler Röhren- und Metallwerke AG, Hall in Tirol, Austria,

— V. Luzuriaga-Tafalla SA, Tafalla, Spain,

Dewwieb taċ-ċomb

— Tudor SA, Madrid, Spain.

4.2. *Produtturi ta' stone wool*

(75) Il-konklużjonijiet definittivi fir-rigward tal-impatt tal-miżuri kontra t-traħħis fil-prezzijiet fuq produtturi tal-*istone wool* huma bbażati fuq l-informazzjoni provduta minn Rockwool International A/S, Copenhagen, Denmark, għan-non ta' erba' sussidjarji kif imsemmija fid-dokument legali 132 tad-Deċiżjoni provviżorja, u Partek Paroc Oy, Helsinki, Finland.

(76) Instab li l-kokk tal-funderiji jirrappresenta 2,8 % tal-ispiża totali tal-produzzjoni tal-produtturi tal-i*stone wool,* li l-profitti tagħhom instab li żdiedu minn 6,5 % fl-1997 għal 7,9 % fl-1998.

(77) Kien allegat li kuntrarju għas-sejbiet provviżorji, l-industrija tal-Komunità x'aktarx li jkollha żżid il-prezzijiet tagħha bl-ammont sħiħ tad-dazju impost kontra t-traħħis tal-prezzijiet.

(78) L-informazzjoni provduta mill-partijiet interessati uriet li l-prezzijiet tal-produtturi tal-Komunità fil-parti l-kbira tagħhom baqgħu fl-istess livell bħal dak matul l-IP, minħabba li n-negozjati dwar il-prezzijiet normalment jitwettqu darba fis-sena fl-aħħar tas-sena. Fin-negozjati għas-sena 2001, iż-żidiet fil-prezzijiet qed jiġu diskussi. Dawn iż-żidiet jistgħu jiġu attribwiti f'parti għall-imposizzjoni tal-miżura kontra t-traħħis fil-prezzijiet iżda wkoll għal żieda fl-ispejjeż tal-industrija tal-Komunità. Il-benefiċċju mistenni għall-industrija tal-Komunità mill-imposizzjoni ta' miżuri kontra traħħis fil-prezzijiet x'aktarx li tkun fil-forma ta' żieda fil-produzzjoni u l-bejgħ li jirriżultaw fi tnaqqis tal-ispejjeż tal-unità, li jippermettu lill-industrija tal-Komunità li tikseb lura l-profitti.

(79) F'kull każ, ukoll jekk wieħed jassumi li l-industrija tal-Komunità żżid il-prezzijiet tagħha bl-ammont sħiħ tad-dazju, iż-żieda massima ipotetika fl-ispejjeż tal-produtturi tal-*istone wool* tkun ta' madwar 1 %. Jekk dan iseħħ u jekk wieħed jassumi li l-ispejjeż l-oħrajn jibqgħu ugwali, żieda fl-ispejjeż tal-produtturi tal-*istone wool* li tirriżulta mill-imposizzjoni tal-miżuri kontra t-traħħis fil-prezzijiet kif deskritti hawn fuq teħtieġ żieda massima fil-prezzijiet ta' anqas minn 1 % sabiex jinżamm l-istess livell ta' profitti.

(80) Kien imtenni b'insistenza li l-produtturi tal-*istone wool* ikun mġiegħela li jirriallokaw il-faċilitajiet tal-produzzjoni sabiex jevitaw tnaqqis fil-profitti jekk jiġu mposti l-miżuri ta' kontra t-traħħis fil-prezzijiet, minħabba li ż-żidiet li jirriżultaw fl-ispejjeż ma jistgħux jingħaddew lill-konsumatur finali.

(81) Għandu jiġi nnotat li fis-suq tal-*istone wool* huwa fundamentali li l-produtturi jkunu jinsabu qrib il-klijenti industrijali tagħhom, u li jkollhom flessibilità fil-produzzjoni sabiex jilħqu d-domanda meħtieġa u s-servizz. Minħabba s-sejbiet ta' hawn fuq fuq l-effetti possibbli tal-miżuri kontra t-traħħis fil-prezzijiet u n-natura tas-suq fl-*istone wool* fid-dokument legali 79, huwa kunsidrat improbabbli li dik iż-żieda fil-prezz tal-kook tal-funderiji tirriżulta f'riallokazzjoni ta-produzzjoni barra l-Komunità.

(82) Minħabba dak li ntqal hawn fuq, il-konklużjonijiet fid-dokumenti legali 153 sa 166 tad-Deċiżjoni provviżorja, li l-imposizzjoni ta' miżuri kontra t-traħħis fil-prezzijiet fuq kokk tal-funderiji ¬iniż ma humiex mistennija li jeffettwaw sinjifikament is-sitwazzjoni ekonomika tal-produtturi tal-i*stone wool,* hija b'dan ikkonfermata.

4.3. *Funderiji*

(83) Fid-dokument legali 175 tad-Deċiżjoni provviżorja il-Kummissjoni ndikat li għandha terġa tħares lejn il-profitti tal-funderiji fl-istadju definittiv fuq il-bażi ta' informazzjoni addizzjonali mibgħuta mil-partijiet interessati sussegwenti għall-isvelar tas-sejbiet provviżorji.

(84) Il-konklużjonijiet imniżżla hawn taħt fid-dokumenti legali 88 u 89 huma bbażati kollha fuq *data* ssostanzjata provduta minn 22 funderija ta' daqsijiet differenti f'termini ta' bejgħ, impiegi u profitti. Dawn huma lokati fi tmien Stati Membri (Ir-Renju Unit, il-Belġju, l-Awstrija,il-Portugall, il-Ġermanja, Franza, l-Italja u Spanja) u li jipproduċu firxa wiesa' ta' ikkastjar għas-setturi prinċipali ta' użu finali bħall-industrija tal-vetturi (per eżempju blokki tal-makni u *power steerings),* l-industrija mekkanika (per eżempju pompi u *blowers)* kif ukoll l-industrija tal-kostruzzjoni (per eżempju għat-twassil tal-ilma u d-dranaġġ). In-vista ta' dan ta' hawn fuq, id-*data* provduta minn dawn il-kumpanija hija kunsidrata suffiċjentement rappresentattiv tas-sitwazzjoni tal-funderiji.

(85) Il-Kumitat tal-Assoċjazzjonijiet tal-Funderiji Ewropej (CAEF) argumenta li l-interess tal-funderiji ma ġiex stmat kif imiss fl-istadju provviżorju. B'mod partikolari, kien allegat li funderiji li kkooperaw fl-istadju provviżorju u li d-*data* tagħhom kien miżmum għal dan l-analiżi pproduċew primarjament prodotti b'valur miżjud għoli li jiġġeneraw marġini ta'profitt il-fuq sew mill-medja tal-industrija u għalhekk ma kienux rappresentattivi tas-sitwazzjoni ta' din l-industrija. Il-CAEF sostniet din l-allegazzjoni billi bagħtet informazzjoni dwar il-profitti ta' xi funderiji individwali kif ukoll estimi provduti mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-funderiji u allegat li dawn imsemmija l-aħħar għandhom jintużaw biex jiġi stmat l-impatt ta' miżuri ta' kontra t-traħħis fil-prezzijiet fuq is-settur kollu tal-funderiji u li d-*data* mibgħuta minn kumpaniji individwali għandha tiġi skartata.

(86) F'dan ir-rigward għandu jiġi nnotat li d-*data* presentata mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-funderiji huma bbażata fuq estimi u/jew jirrelataw ukoll ma' funderiji li ma jużaw kokk tal-funderiji. U aktar, id-*data* wżata biex jiġi analizzat l-effett tal-miżuri kontra t-traħħis fil-prezzijiet fuq funderiji toħroġ minn fundeiji ta' daqsijiet differenti f'diversi Stati Membri u jipproduċu kkastjar għal utenti finali varji. Barra minn hekk, id-*data* provduta minn dawn il-kumpanjiji ma ġiets debitament sostanzjata, jiġifieri b'konteġġi verifikati. In viista ta' dan ta' hawn fuq, ma jidhirx xieraq li tiġi skartata, id-*data* provduta minn funderiji li kkooperaw u li minflokha tintuża l-informazzjoni presentata mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-funderiji.

(87) Il-CAEF insistitiet ripetutament l-argumenti tagħha li l-imposizzjoni ta' miżuri kontra t-traħħis fil-prezzijiet jirriżultaw f'żieda fl-ispejjeż għall-funderiji. Dik iż-żieda fl-ispejjeż, li l-funderiji ma jistgħux jgħaddu lill-klijenti tagħhom, tissarraf fi profitti mnaqqsa li jkollu jiġi kumpensat bi tnaqqis fil-ħaddiema, b'dan imsemmi l-aħħar ikun aktar sinjifikanti minn dak tal-industrija tal-Komunità tal-kokk tal-funderiji. Għandu jissemma wkollli xi żieda fil-prezz tal-kokk tal-funderiji teffettwa l-kompetittività tal-funderiji.

(88) Minħabba li l-kokk tal-funderiji nsab li jirrappresenta 1,8 % tan-nefqa totali tal-produzzjoni tal-funderiji, l-imposizzjoni ta' dazju kontra t-traħħis fil-prezzijiet jista' jirriżulta f'żieda massima ipotetika fl-ispejjeż tal-fundeiji ta' anqas minn 0,8 %. Dan ġie kalkolat ukoll billi ġie assunt li l-importaturi jgħaddu d-dazju kollu l-quddiem u li l-industrija tal-Komunità żżid il-prezzijiet tagħha bl-ammont sħiħ tad-dazju.

(89) Sussegwentement, mhux probabbli li ż-żieda stmata fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-funderiji tipperikola l-profitt tagħhom. Sabiex jiġi apprezzat dak l-impatt ta' nefqa, għandu jiġi nnotat li bejn l-1997 u l-1998 il-prezz medju kull tunellata metrika ta' kkastjar żdied b'4 %. Billi n-nefqiet tal-ispejjeż tal-produzzjoni tal-funderiji baqgħu stabbli, il-profitti peżati medji tagħhom żdiedu minn 4,4 % għall-1997 għal 7,4 % fl-1998. U aktar, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-funderiji għanhom ilaħħqu mat-timwiġ fl-oġġetti prinċipali tagħhom tan-nefqa bħall-prezzijiet tal-iskrap, jiġifieri l-materja prima prinċipali wżata fil-produzzjoni ta' ħadid fondut, kif ukolltimwiġ fir-rati tal-kambju. B'konsegwenza, l-impatt negattiv tal-miżuri fuq l-ispiża tal-produzzjoni tal-funderiji, il-profitt, l-kompitittività jew l-impiegi, jekk ikun hemm, x'aktarx li jkun limitat ħafna.

(90) Dan l-analiżi l-ieħor ikkonferma li l-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fid-dokument legali 176 tad-Deċiżjoni provviżorja, li l-impatt tal-miżura kontra t-traħħis fil-prezzijiet x'aktarx li ma teffettwax sinjifikament is-sitwazzjoni ekonomika tal-fonderiji tal-Komunità, huwa b'dan konfermat.

4.4. *Dewwieb taż-żingu jew taċ-ċomb*

(91) Reazzjoni waħda kienet riċevuta minn kumpanija li tuża kokk tal-funderiji fil-produzzjoni ta ċomb *captive* u ligi taċ-ċomb użati fl-impjant tagħha tal-manifattura tal-batteriji. Billi dan il-roduttur idewweb iċ-ċomb fl-operazzjoni *captive,* indikaturi bħal spejjeż, prezzijiet u profitti ma kienux disponibbli għall-attività li tirrelata mat-tidwib taċ-ċomb. Tid-*data* provduta minn din il-kumpanija tista', għalhekk, ma jingħatax kont tagħha għall-istima tal-impatt tal-imposizzjoni ta' miżura kontra t-traħħis fil-prezzijiet.

5. **Argumenti oħra li jikkonċernaw l-interess tal-Komunità**

(92) L-utenti argumentaw illi, billi l-industrija tal-Komunità mhix kapaċi li tipprovdi lis-suq kollu tal-Komunità, kull bidla fl-istruttura kurrenti tal-provvista tista' tirriżulta f'nuqqas ġenerali tal-provvista. Kien argumentat li l-imposizzjoni ta' miżuri provviżorji kontra t-traħħis fil-prezzijiet diġà wasslet għal nuqqas ta' provvista fis-suq tal-Komunità u għal żieda fil-prezz li effettwat negattivament il-pożizzjoni tal-utenti tal-Komunità.

(93) L-ewwel nett, wieħed għandu jfakkar li mhux probabbli li fin-nuqqas ta' miżuri kontra t-traħħis fil-prezzijiet, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Komunità tista' teħżien aktar, u twassal għall-għeluq fi żmien medju jew għat-tul ta' kumpaniji, kif dikjarat fid-dokumenti legali 177 sa 180 tad-Deċiżjoni provviżorja. Din il-konklużjoni ntlaħqet partikolarment minħabba t-telf tas-seħem tas-suq u t-tnaqqis fil-profitti tal-industrija tal-Komunità matulil-perjodu kunsidrat. Din is-sitwazzjoni għandha tirriżulta f'limitazzjoni fis-sorsi tal-provvista li tista' twassal għal nuqqas ta' provvista, kif ukoll tnaqqis fil-kompetizzjoni effettiva fis-suq tal-Komunità.

(94) It-tieni nett, mhux probabbli li l-importazzjonijiet mill-PRC jisparixxu mis-suq tal-Komunità bħala riżultat tal-imposizzjoni ta' miżuri kontra t-traħħis fil-prezzijiet. Din il-konklużjoni ntlaħqet b'mod partikolari minħabba l-investimenti magħmula mill-importaturi/negozjanti tal-Komunità, il-mezzi ta' provvista diġà stabbiliti fil-PRC, il-kwalità tal-prodott konċernat u l-fatt li l-industrija tal-Komunità mhix kapaċi li tipprovdi lis-suq kollu tal-Komunità.

(95) B'żieda, l-informazzjoni disponibbli lill-Kummissjoni tindika li ċertu nuqqas ta' kokk tal-funderiji Ċiniż seħħ wara li nbeda l-proċediment ta' kontra t-traħħis fil-prezzijiet u qabel l-imposizzjoni ta' miżuri provviżorji għal raġunijiet mhux relatati mal-proċediment kontra t-traħħis fil-prezzijiet. Tabilħaqq, skond din l-informazzjoni, il-provvisti limitati ta' kokk tal-funderiji Ċiniż kien dovut minħabba nuqqas ta, karrijiet tal-ferrovija biex jitrasportaw il-kokk tal-funderiji minn ġewwa ċ-Ċina sal-portijiet u għal nuqqas ta' faħam tal-kokk fil-PRC, li b'riżultat wassal għal ċertu żieda fil-prezz. Il-produzzjoni mnaqqsa jew saħansitra l-għajbien tal-industrija tal-Komunità għandha f'dawk iċ-ċirkostanzi tenfasizza d-dipendenza tas-suq tal-Komunità fuq il-kokk tal-funderiji Ċiniż.

6. **Konklużjoni tal-interess tal-Komunità**

(96) Wara li eżaminat bir-reqqa l-argumenti kollha mqajjma, hija kkonkludiet li ma hemm ebda raġunijiet serji li ma timponix il-miżuri kontra t-traħħis tal-prezzijiet fil-każ presenti. Għalhekk il-konklużjonijiet imniżżla fid-dokumenti legali 128 sa 184 tad-Deċiżjoni provviżorja huma konfermati.

I. **MIŻURI DEFINITTIVI KONTRA T-TRAĦĦIS FIL-PREZZIJIET**

(97) Minħabba l-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tat-traħħis fil-prezzijiet, il-ħsara, kawżalità u l-interess tal-Komunità, huwa kunsidrat li miżuri definittivi kontra t-traħħis fil-prezzijiet għandhom jittieħdu sabiex jipprevjenu li tiġi kawżata aktar ħsara lill-industrija tal-Komunità peremezz ta' importazzjonijiet bi prezzijiet imraħħsa li joriġinaw fil-PRC.

1. **Livell tal-eleiminazzjoni tal-ħsara**

(98) Fid-Deċiżjoni provviżorja u għall-istabbiliment tal-livell tad-dazju, ingħata kont tal-marġini misjub ta' traħħis tal-prezzijiet u d-dazju meħtieġ biex ineħħi l-ħsara kkawżata permezz ta' importazzjonijiet bi prezzijiet imraħħsa. Ġie għalhekk provviżorjament stabbilit li t-tneħħija ta' dik il-ħsara teħtieġ li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi jiżdiedu għall-livell li ma jagħmilx ħsara. Dan il-prezz li ma jagħmilx ħsara kien ibbażat fuq il-paragun tal-prezzijiet ta' importazzjonijiet bi prezzijiet imraħħsa u l-prezz li ma jagħmilx ħsara tal-industrija tal-Komunità. Dan imsemmi l-aħħar kien kalkolat billi jiżdiedu mal-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Komunità in-nuqqas fil-profitt matul l-IP u marġini raġonevoli ta' profitt. Marġini ta' profitt ta' 9,6 % fuq il-bejgħ qabel it-taxxa jidher raġonevoli waqt li jingħata kont ta' liema ammont tal-industrija tal-Komunità jista' jkun raġonevolment mistenni li jinkiseb fin-nuqqas ta' prezzijiet imraħħsa.

(99) Xi partijiet interessati kkontestaw kemm ir-raġonevolezza tal-marġini ta' proditt użat u l-ġustifikazzjoni tiegħu. Dawn allegaw li l-marġini ta' profitt miksub mill-industrija tal-Komunità fl-1996 kien eċċezzjonali u li marġini aktar raġonevoli ta' profitt kien ikun dak miksub fl-1995 jew fl-1997.

(100) L-istabbiliment tal-livell tal-eleiminazzjoni tal-ħsara kien eżaminat mill-ġdid fid-dawl tas-sejbiet riveduti tal-profitti. Instab li marġini ta' profitt ta' 10,5 % fuq il-bejgħ ikun il-profitt li l-industrija tal-Komunità tista' tikseb fin-nuqqas ta' importazzjonijiet bi prezzijiet imraħħsa. Dan kien il-marġini ta' profitt medju peżat bejn l-1995 u l-1997 qabel ma kien hemm penetrazzjoni miżjuda fis-suq mill-importazzjonijiet Ċiniżi.

(101) Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kif aġġustati għall-kalkolu tal-prezz imnaqqas kienu komparati, għall-IP, mal-prezzijiet medji peżati li ma jagħmlux ħsara tal-industrija tal-Komunità. Id-differenza kienet imbagħad espressa bħala perċentwal tal-valur cif totali ta' importazzjoni. Għall-fini tal-kalkolu ta' marġini ta'ħsara mal-pajjiż kollu, ingħata kont tal-livell baxx ta' kooperazzjoni u l-istess metodoloġija kif deskritta fid-dokument legali 34 kienet segwita. Il-marġini definittiv ta' ħsara mal-pajjiż kollu ammonta għal 43,6 %.

2. **Forma u livell tal-miżura definittiva**

(102) Minħabba li l-marġini tal-ħsara huwa taħt il-marġini stabbilit ta' traħħis fil-prezzijiet, id-dazju definittiv għandu jiġi ffissat fil-livell tal-marġini ta' ħsara stabbilit fi 43,6 %.

(103) Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-miżuri u biex jiġi skoraġġit xi assorbiment tal-miżura kontra t-traħħis fil-prezzijiet permezz ta' tnaqqis fil-prezzijiet tal-esportazzjoni, instab li d-dazju għandu jkun impost fil-forma ta' ammont speċifiku kull tunellata metrika. Dan l-ammont jirriżulta mill-applikazzjoni tal-marġini tal-ħsara għall-prezzijiet tal-esportazzjoni wżati fil-kalkolu tal-livell tal-eliminazzjoni tal-ħsara matul l-IP. Għalhekk id-dazju jammonta għal Ewro 32,6 kull tunellata metrika.

(104) Sussegwentement għall-imposizzjoni tal-miżuri provviżorji konmtra t-traħħis fil-prezzijiet, ċerti esportaturi Ċiniżi li kkooperaw fl-investigazzjoni offrew impenni skond it-tifsira tal-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni bażika. Iżda, dawn l-impenni ma setgħux jiġu aċċettati, billi ma kienx fihom il-garanziji meħtieġa minn-naħa tal-awtoritajiet Ċiniżi li jippermettu mmonitorjar adegwat. F'dawn iċ-ċirkostanzi għandu jiġi mpost dazju speċifiku fil-livell tal-ħsara definittivament stabbilita. Għandu jiġi nnotat, iżda, li l-miżyra tista' tiġi modifikata, jekk xi darba jkun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi b'tali mod li l-kondizzjonijiet għall-aċċettazzjoni tal-impenn ikunu mħarsa.

J. **ĠBIR TAD-DAZJU PROVVIŻORJU**

(105) Minħabba l-kjarifika tal-iskop tal-prodott sussegwenti għall-imposizzjoni tal-miżuri provviżorji, l-ammonti miġbura permezz tad-dazju provviżorju kontra t-traħħis fil-prezzijiet għandhom ikunu definittivament miġbura għall-importazzjonijiet kollha ħlief f'dawk il-każi fejn il-kokk tal-faħam fi bċejjeċ akbar minn 80 mm ġew dikjarati għall-importazzjoni flimkien ma' kokk tal-faħam ta' daqsijiet iżgħar, f'liema każi l-ammonti kollha marbuta permezz tad-dazji provviżorji kontra t-traħħis fil-prezzijiet għandhom ikunu rilaxxati,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Ħlief kif provdut mod ieħor fil-paragrafu 3 dazju definittiv kontra t-traħħis fil-prezzijiet huwa b'dan impost fuq importazzjonijiet ta' kokk tal-faħam fi bċejjeċ akbar minn 80 mm f'dijametru massimu, li jidru taħt il-kodiċi NM ex 2704 00 19 (Kodiċi TARIC 2704 00 19 10), u li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-¬ina.

2. L-ammont ta' dazju kontra t-traħħis fil-prezzijiet għandu jkun daqsinsew għall-ammont iffissat ta' Ewro 32,6 kull tunellata metrika ta' piż nett niexef.

3. Fil-każijiet fejn l-oġġetti dikjarati għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa ikunu taħlita ta' kokk kif deskritt fil-paragrafu 1 flimkien ma' kokk ta' faħam fi bċejjeċ ta' daqsijiet iżgħar, il-kwantità ta' kokk suġġetta għad-dazju kontra t-traħħis fil-prezzijiet fil-paragrafu 2 għandu jiġi stabbilit skond l-Artikoli 68 sa tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 [1]. Iżda, id-dazju kontra t-traħħis fil-prezzijiet ma għandux jgħodd għal dik it-taħlita ta' bċejjeċ tal-kokk, fejn jiġi stabbilit li d-dijametru masimu ta' bċejjeċ ta' kokk li jifformaw parti mill-oġġetti dikjarati għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa ma jeċċedic il-100 mm.

4. Sakemm ma jkunx mod ieħor speċifikat, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw dazji doganali għandhom jgħoddu.

5. Fil-każi fejn l-oġġetti tkun saritilhom ħsara qabel ma jiddaħħlu f'ċirkolazzjoni ħielsa u, għalhekk, il-prezz attwalment imħallas jew li għandu jitħallas jitqassam għall-istabbiliment tal-valur doganali skond l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 [2], l-ammont ta' dazju kontra t-traħħis fil-prezzijiet, kalkolat fuq il-bażi tal-ammonti mniżżla hawn fuq, għandu jitnaqqas b'perċentwal li jikkorrispondi għat-tqassim tal-prezz attwalment imħallas jew li għandu jitħallas.

Artikolu 2

L-ammonti marbuta permezz tad-dazju provviżorju kontra t-traħħis tal-prezzijiet impost bid-Deċiżjoni Nru 1238/2000/KEFA għandhom jinġabru definittivament bir-rata tad-dazju definittivament imposta fuq importazzjonijiet ta' kokk tal-faħam fi bċejjeċ b'dijametru ta' aktar minn 80 mm u li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

L-ammonti marbuta f'eċċess tar-rata definittiva ta' dazju kontra t-traħħis tal-prezzijiet għandhom jiġu rilaxxati.

Fil-każi fejn kokk tal-faħam fi bċejjeċ ta' dijametru ta' aktar minn 80 mm ikun ġie dikjarat għall-importazzjoni flimkien ma' kokk tal-faħam fi bċejjeċ ta' daqsijiet iżgħar, l-ammonti marbuta permezz tad-dazju kontra t-traħħis fil-prezzijiet għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Din id-Deċiżjoni għandha torbot fl-intier tagħha u tapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmual fi Brussel, fl-14 ta' Diċembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Pascal LAMY

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

[2] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 40.